

Brussell, 22 ta' Mejju 2026
(OR. en)

9502/26

AG 78
INST 229
ENV 551
FORETS 83

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPRez, Direttur
data meta waslet:	20 ta' Mejju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 8550 final
Suġġett:	DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI ta'19.5.2026 dwar it-talba għar-reġistrazzjoni, skont ir-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej intitolata "Il-konnettività mill-ġdid tan-natura permezz tal-ħolqien ta' kurituri Ewropej għall-bijodiversità"

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2026) 8550 final.

Mehmuż: C(2026) 8550 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 19.5.2026
C(2026) 8550 final

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

ta'19.5.2026

dwar it-talba għar-reġistrazzjoni, skont ir-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej intitolata “Il-konnettività mill-ġdid tan-natura permezz tal-ħolqien ta’ kurituri Ewropej għall-bijodiversità”

(It-test bit-Taljan biss huwa awtentiku)

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

ta'19.5.2026

dwar it-talba għar-reġistrazzjoni, skont ir-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej intitolata “Il-konnettività mill-ġdid tan-natura permezz tal-ħolqien ta’ kurituri Ewropej għall-bijodiversità”

(It-test bit-Taljan biss huwa awtentiku)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Fit-2 ta' April 2026, ġiet ippreżentata talba lill-Kummissjoni għar-reġistrazzjoni ta' inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej intitolata “Il-konnettività mill-ġdid tan-natura permezz tal-ħolqien ta’ kurituri Ewropej għall-bijodiversità”.
- (2) L-għan tal-inizjattiva kif espress mill-organizzaturi huwa li tistieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposta bbażata fuq l-Artikolu 192(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) “biex ikun hemm konnettività mill-ġdid tan-natura fl-Ewropa permezz ta’ qafas ta’ koordinazzjoni għall-konnettività ekoloġika bejn l-ekosistemi tal-ilmijiet ’il ġewwa mill-kosta u dawk tal-art” u “tingħeleb il-frammentazzjoni tal-ekosistema u jiġu sostnuti l-bijodiversità u r-reżiljenza”. Skont l-organizzaturi, jenħtieġ li l-qafas regolatorju: “jippromvowi għodod komuni: kriterji tekniċi, monitoraġġ integrat u kondiviżjoni tad-data għall-immappjar tal-kurituri ekoloġiċi”; “jiżgura koordinazzjoni transfruntiera aħjar: għall-iffaċilitar tal-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri f’għieħ il-konnettività fil-kontinent kollu”; u “jirrinforza Natura 2000: għat-tisħiħ tal-koerenza bejn is-siti u żoni protetti oħra, filwaqt li jiġi evitat l-iżolament tal-ħabitats u tal-ispeċijiet”.
- (3) Il-Kummissjoni tqis li, abbażi tal-Artikolu 192(1) tat-TFUE, tista’ tadotta proposta għal direttiva biex tgħaqqad mill-ġdid in-natura fl-Ewropa permezz ta’ qafas ta’ koordinazzjoni għall-konnettività ekoloġika bejn l-ekosistemi terrestri u tal-ilmijiet ’il ġewwa mill-kosta u biex tegħleb il-frammentazzjoni tal-ekosistema, filwaqt li ssostni l-bijodiversità u r-reżiljenza.
- (4) Għal din ir-raġuni, il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-ebda parti mill-inizjattiva ma taq’ manifestament barra mill-qafas tas-setgħat tal-Kummissjoni li tippreżenta proposta għal att legali tal-Unjoni għall-fini tal-implimentazzjoni tat-Trattati.

¹ ĠU L 130, 17.5.2019, p. 55, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/788/oj>

- (5) Dik il-konklużjoni ma taffettwax il-valutazzjoni dwar jekk il-kundizzjonijiet sostantivi konkreti meħtieġa biex il-Kummissjoni taġixxi, inkluża l-konformità mal-prinċipji tal-proporzjonalità u tas-sussidjarjetà u l-kompatibbiltà mad-drittijiet fundamentali, ikunux issodisfati f'dan il-każ.
- (6) Il-grupp ta' organizzaturi pprova evidenza xierqa li jissodisfa r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 5(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2019/788 u ħatar il-persuni ta' kuntatt f'konformità mal-Artikolu 5(3), l-ewwel subparagrafu ta' dak ir-Regolament.
- (7) L-inizjattiva la hija manifestament abbużiva, frivola jew vessatorja u lanqas ma tmur manifestament kontra l-valuri tal-Unjoni kif stabbiliti fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jew kontra d-drittijiet minqixin fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.
- (8) Għalhekk, jenħtieġ li l-inizjattiva intitolata "Il-konnettività mill-ġdid tan-natura permezz tal-ħolqien ta' kurituri Ewropej għall-bijodiversità" tiġi rreġistrata.
- (9) Il-konklużjoni li l-kundizzjonijiet għar-reġistrazzjoni skont l-Artikolu 6(3) tar-Regolament (UE) 2019/788 huma ssodisfati, ma timplikax li l-Kummissjoni b'xi mod jew ieħor tikkonferma l-korrettezza fattwali tal-kontenut tal-inizjattiva, li hija r-responsabbiltà unika tal-grupp ta' organizzaturi tal-inizjattiva. Il-kontenut tal-inizjattiva jesprimi biss il-fehmiet tal-grupp ta' organizzaturi, u bl-ebda mod ma jista' jitqies li jirrifletti l-fehmiet tal-Kummissjoni.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej intitolata "Il-konnettività mill-ġdid tan-natura permezz tal-ħolqien ta' kurituri Ewropej għall-bijodiversità" għandha tiġi rreġistrata.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-grupp ta' organizzaturi tal-inizjattiva taċ-ċittadini intitolata "Il-konnettività mill-ġdid tan-natura permezz tal-ħolqien ta' kurituri Ewropej għall-bijodiversità", irrappreżentat minn Pier Giovanni CAPELLINO u Claudine AYALA COBO li qed jaġixxu bħala persuni ta' kuntatt.

Magħmul fi Strasburg, 19.5.2026

*Għall-Kummissjoni
Maroš ŠEFČOVIČ
Membru tal-Kummissjoni*